# IL-POLITTIKU TA' L-ASSUNTA FIL-KATIDRAL T'GĦAWDEX

*Anton Scicluna*



Il-Mużew li twaqqaf fil-Katidral t'Għawdex fil-21 ta' Ottubru 1979 kien ta' siwi kbir. Ġabar fih it-teżori kollha li żejnu din il-knisja, l-ewwel u l-eqdem Matriċi matul medda twila ta' mijiet ta' snin. Insibu fided, kwadri ta' pitturi magħrufin, manuskritti qodma, oġġetti tal-fidda, opri ta' valur artistiku, il-karozzella li kien juża l-Isqof eċċ. Żgur li jolqot il-għajn ta' kull min iżur dan il-Mużew, huwa l-polittiku ta' l-Assunta - kwadru qadim ħafna li tassew jitlob tagħrif siewi għal min jinteressa ruħu.

**It-Titular Qadim**

Kemm il-Knisja titulari ta' Għawdex ilha tqim lill-Assunta ma nafux. L-eqreb data dokumentata hija tat-12 ta' Ottubru 1435. Kien f'din id-data li Għawdxi bl-isem Numcio de Episcopo, kien ħalla fit-testment għand in-Nutar Andrea de Beniamino xi flus għall-xiri ta' xemgħa lill-Matriċi ta' Santa Marija.(1)

Il-politiku li qed nikteb dwaru jsaħħaħ din ix-xhieda għax fil-binja tiegħu juri erba' xbihat tal-Madonna f'okkażjonijiet differenti - il-Madonna bħal Omm, it-Tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel, l-Inkoronazzjoni tal-Madonna mit-Trinità Mqaddsa u t-Tlugħ fis-sema. Sas-sena 1791 kien għadu meqjum bħala t-titular tal-Knisja. Mons. Pietru Duzzina fil-Vista Pastorali Tiegħu ta' l-1575 jagħmel riferenza għal dan il-kwadru.(2)

Il-polittiku żgur li għandu 'l fuq minn 500 sena u għadu magħruf fost kulħadd bħala 't-titular il-qadim'. Huwa magħmul minn 7 kwadri jmissu ma' xulxin, mibnija b'mod li jolqtuk meta tħares lejh. Il-qisien tiegħu huma 200 ċentimetru b'250 ċentimetru. It-teknika wżata fil-binja tiegħu hija fuq bażi ta' twavel ta' l-injam. L-artist pinġa l-figuri kif ukoll l-isfond tagħhom,

> "bit-'tempera' direttament fuq 'gesso' marbut minn taħt minn materjal qisu xkora biex ma jinqasamx."(3)

Aktarx li l-kwadri ma nħadmux fl-istess żmien. Forsi wkoll kienu tlett artisti differenti.

**Dettalji dwar il-Kwadru**

Fin-nofs tal-polittiku tidher il-Madonna tiela' s-Sema- l-Assunżjoni - li għaliha l-Katidral ilu ddedikat mijiet ta' snin. Tinsab imdawra mill-Appostli mistgħaġbin għal dak li qed jilmħu jiġri. Fuq ix-xellug ta' l-Assunzjoni jidher l-Anglu Gabriel figura kbira f'pożizzjoni bilwieqfa. Fuq il-lemin tidher il-Madonna għarkubtejja. Dawn il-pożizzjonijiet jagħtu xhieda li t-trilittiku huwa xogħol ta' żmien ir-Rinaxximent.(4) Fuq il-kwadru tan-nofs tidher l-

l-Inkoronazzjoni tal-Madonna żżomm 'l Binha Ġesù filwaqt li żewġ anġli żgħar jqegħdulha kuruna fuq rasha. Fil-ġenb ta' fuq jidhru l-figuri kbar ta' San Pietru u San Pawl. Forsi meta l-artist Mikiel Busuttil pitter it-titular li jinsab meqjum illum ħa l-idea minn dan il-kwadru meta fix-xogħol tiegħu wkoll daħħal lill-Appostli San Pietru u San Pawl bħala figuri prominenti. Irridu ngħidu wkoll li ma nafux l-artist jew artisti li ħadmuhom. Anqas jekk kenux Maltin jew barranin.

Studjużi fl-Arti ta' Żmien ir-Rinaxximent huma tal-fehma li l-ewwel tlett kwadri maħduma kienu tal-Maternità tal-Madonna, ta' San Pawl u ta' San Pietru. Aktarx li min ħadimhom kien midħla ta' l-Iskola tal-Pittur Sqalli, Antonio da Messina (1430 -1479) (5). Biss meta tqis il-proporzjonijiet bejn il-figura tal-Madonna u tal-Bambin u ta' l-anġli li qed iżommu l-kuruna kif ukoll il-mod artistiku ta' San Pietru u ta' San Pawl, wieħdu jintebaħ li l-artist ma ħalliex f'dawn il-kwadri xi kapulavur. Ta' l-anqas, storikament juru li huma xogħol taż-żmien bejn l-1420 u l-1500.

B'kuntrarju għal dawn, il-kwadru ta' l-Assunzjoni jagħti xhieda ta' xogħol iżjed teknikament mirqum. Prova ċara li kien artist ta' ħila u msawwar ġmielu fis-sengħa. Il-kwadri tal-Madonna u ta' l-Aranġlu Gabriel huma wkoll xogħol artistikament tajjeb. In-nuqqas ta' 'sarcophogus' (tebut tal ġebel)fil-kwadru ta' l-Assunzjoni, il-pożizzjoni ta' l-Anġlu Gabriel bilwieqfa bil-ġilju f'idu, u l-pożizzjoni tal-Madonna għarkubtejja jitfgħu dawl dwar l-era li fihom inħadmu.

L-Inkoronazzjoni tal-Madonna hija l-aħħar xogħol fuq dan il-polittiku. Fuq dan il-kwadru jidher li l-artist kien imħarreġ sewwa fl-użu tal-Barokk - influwenza artistika li daħlet fil-gżejjer tagħna mal-miġja tal-Kavallieri. L-artist juri ħila kbira fl-użu tad-dawl. Il-Kwadru jagħti xebħ mill-qrib lill-kwadru Assunta tal-Madonna ta' Pinu mpitter fl-1619 minn Amadeo Perugino (6). Minn dan it-tagħrif wieħed jasal biex jgħid li kien il-bidu tad-dħul ta' l-arti rinaxximentali fil-gżejjer tagħna. (7)

Ta' min isaqsi hawnhekk ir-raġuni kif dan il-kwadru baqa' bla mittiefes meta nafu li fis-sena 1551 it-Torok għamlu ħerba mill-gżira Għawdxija. Fuq kollox kien taw in-nar lill-Knisja Ewlenija (8). Ma nistgħux nagħtu tweġiba storika, għax ma nafux x'ġara. Biss żgur li mawdawr 300 Għawdxi kien irnexxielhom jaħarbu billi ddendlu bil-ħbula mas-swar taċ-Ċittadella. Setgħu ħbew dan il-kwadru biex ma jinqeridx. Aktarx, li kif jingħad, dan il-kwadru kien inħeba fir-raħal taż-Żebbuġ Għawdex. Biss 24 sena wara, fis-sena 1575, kien ġa jinsab f'postu skond il- Viżta Pastorali ta' Mons. Duzzina.

**Ma' Tul Is-Snin**

Nafu li fl-1608, il-kwadri ta' San Pawl u ta' San Pietru kienu jżejnu l-altar tal-kor tal-Matriċi. Dan tennih l-Isqof Tumas Gargallo(9). Peress li l-kwadru tal-Maternità għandu l-istess età tal-kwadri msemmija, mhix ħaġa barra minn postha, li anki dan il-kwadru tpoġġa magħhom għall-qima tal-fidili. Fl-1615 żdiedu magħhom il-kwadri ta' l-Assunżjoni kif ukoll tal-Madonna u ta' l-Arkanġlu Gabriel kif ħalla miktub Mons. Isqof Baldassare Caglieres(10). Ikompli jikteb l-istess Isqof li dawn kienu mqegħda taħt tribuna. L-aħħar kwadru li għaqqad dan il-polittiku kien ta' l-Inkoronazzjoni. Xhieda awtentika li tagħtina tagħrif li l-polittiku kien magħqud fis-Seba Kwadri kif għadu jidher, hija l-Vista Pastorali ta' l-Isqof Mons Balaguer(11).

Ġara li fis sena 1693, terremot ħakem il-Ġżira Għawdxija u l-Knisja ta' l-Assunta ġarrbet ħsarat stutturali li kellha bilfors tinbena mill-ġdid. Il-Knisja l-ġdida li naraw illum fuq pjanta ta' Lorenzo Gafà hija dik li nbniet dak in-nhar. Ġiet ikkonsagrata fis-sena 1716. Il-polittiku reġa' sab postu bħala t-titular fil-kor wara l-altar maġġur. F'din il-knisja ġdida ma tanx intgħoġob għax l-arkitettura tagħha u l-kobor tal-knisja kienu jitolbu ħtiġijiet oħra. Fil-fatt insibu miktub li fi żmien l-Arċipriet Cassar (12) kien ġa beda jinħass il-ħsieb li jinbidel bit-tama li jsir wieħed iżjed addattat għall-knisja. Fl-Atti Kapitulari tal-Katidral tas-sena 1789 naqraw li Dottor Benedetto Stellini, Kanonku fl-istess Matrici, offra l-flus biex isir kwadru titulari ġdid fuq it-tila. Dan seħħ fl-1791 bil-kwadru ta' l-Assunta li naraw illum, xogħol tal-pittur Mikiel Busuttil. Kien anki ġie nkurunat fis-sena 1975 mill-Kardinal Francesco Seper.

Minn dik is-sena lura l-Polittiku sab ruħu fis-sagrestija ta' l-istess knisja. Ftit li xejn ħadu kura tiegħu u baqa' għal snin twal imdendel ma' ħajt jiġbor it-trab u l-għabra tas-snin. Saritlu l-ħsara.

Kienet għalhekk idea f'waqtha meta bejn is-snin 1970-1972 il-Kapitlu Kapitulari tal-Katidral iddeċieda li l-polittiku jiġi restawrat. Fil-fatt meta s-sur F.A. Mallija, Direttur tal-Mużew Nażżjonali ta' l-Arti speżżjona l-kwadru u beda x-xogħol ta' restawr fuq il-kwadru ta' l-Assunta nnota:

> "ġara meta twarrab minn postu dan it-titular qadim, jibda l-għawġ kollu: tħassir tat-'tempera', qsim u minn xi daqqiet telf ta l-irqajja ta' 'gesso' u ċaqlieq ta' l-injam li jwassal għall-ħsara li semmejna, kif jixhdu s-sitt kwadri li qed jistennew ir-restawr" (13).

Meta x-xogħol ta' restawr kien tlesta, it-trilittiku (mill-grieg'tri' li tfisser 'tliet') reġà ħa l-ħajja u l-kuluri u dawl reġgħu ħargu fis-sbuħija tagħhom. Ir-restawr kien suċċess kif tenna l-istess Mallija wara x-xogħol fuq l-ewwel kwadru:

> " Kienet għalhekk sfida għall-ħila teknika u artistika tar-restawraturi tal- Gvern meta l-Kuratur tas-seżżjoni ta' l-arti ddeċieda wara studji li jibda x-xogħol ta' l-ewwel wieħed minn dawn li issa tlesta

b'suċċess,nistgħu ngħidu, ikbar milli kien mistenni".(14)

Il-politiku barra li hu teżor artistiku, illum iżejjen il-Muzew tal-Katidral t'Għawdex u jagħti xhieda dejjiema ta' l-imħabba li l-Għawdxin dejjem urew lejn l-Assunta. Jalla nibqgħu noħolqu kultura ta' għożża lejn il-wirt storiku li jżejjen lil pajjizna. Ħafna minn dawn it-teżori jinsabu fil-knejjes tagħna.

**Riferenzi**:


1. G. Wettinger (1974) - Il-Ġrajja bikrija tal-Knisja Katidrali t'Għawdex 1435 - 1551 fi '350 Sena Kolleġġjata 1623 - 1973', pp. 18-19.
2. Mons. Pietru Duzzina (1575) - 'Vizitazione Apostolica', p.192, Librerija Publika Għawdex.
3. F. Mallia (1971) - Xogħlijiet ta' l-Arti fil-Katidral - Bidu ta' Restawr tal-Pittura fl-Għid ta' l-Assunta, Awwissu 1971.
4. National Museum of Fine Art 1970/1972.
5. M. Buhagiar (1988) - 'The Iconography of the Maltese Islands 1400 - 1900 paintings', pp. 26, 28.
6. Amadeo Perugino (1619) 'Pingebat 1916 memoria de Messer Pino Gauci.
7. F. Mallia (1971), op. cit.
8. G.P.F. DeSoldanis (1746) - Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu - Traduzzjoni ta' Mons. G. Farrugia Vol. 1 pp. 97, 98.)
9. Mons. Isqof Gargallo (1608) - Visitatio Pastoralis, Arkivju Episkopali Għawdex.
10. Mons. Baldassare Cagliares (1615) - Visitatio Pastoralis, Arkivju Episkopali Għawdex.
11. Balaguer De Camassa (1644) - Vizita Pastorali - Arkivju Episkopali Għawdex.
12. J. Galea (1971) - Il-Ħakma Franċiża f'Malta p. 86.
13. F. Mallia (1971), op. cit.
14. F. Mallia (1971), ibid.



